

Brussell, 17 ta' Diċembru 2025
(OR. en)

16970/25

ECOFIN 1766

ECB

EIB

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	17 ta' Diċembru 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Suġġett:	RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL dwar il-kapaċità u l-kompiti tal-istituzzjonijiet fiskali indipendenti fl-UE

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2025) 767 final.

Mehmuż: COM(2025) 767 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 17.12.2025
COM(2025) 767 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

dwar il-kapaċità u l-kompiti tal-istituzzjonijiet fiskali indipendenti fl-UE

{SWD(2025) 417 final}

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

dwar il-kapaċità u l-kompiti tal-istituzzjonijiet fiskali indipendenti fl-UE

1. INTRODUZZJONI

Id-Direttiva tal-Kunsill 2011/85/UE dwar ir-rekwiżiti għal oqfsa baġitarji tal-Istati Membri¹ daħlet fis-seħħ f'Diċembru 2011. Kien parti importanti mill-pakkett leġislativ dwar it-tisħiħ tal-governanza ekonomika, magħruf ukoll bħala s-“six-pack”. Id-Direttiva stabbiliet, għall-ewwel darba, rekwiżiti minimi għall-oqfsa baġitarji għall-Istati Membri. Filwaqt li tqieset l-esperjenza mill-2011 ‘l hawn, is-sistema kollha ta’ sorveljanza ekonomika ġiet riveduta dan l-aħħar, u dan wassal għal riforma tal-Patt ta’ Stabbiltà u Tkabbir li daħal fis-seħħ fit-30 ta’ April 2024. F’dan il-kuntest, id-Direttiva tal-Kunsill 2011/85/UE ġiet emendata bid-Direttiva tal-Kunsill (EU) 2024/1265².

Id-Direttiva 2011/85/UE kienet introduċiet rekwiżiti minimi għal sistemi ta’ kontabilità baġitarja u rapportar statistiku, regoli u proċeduri li jirregolaw it-tħejjija ta’ previżjonijiet għall-ippjanar baġitarju, regoli fiskali numeriċi speċifiċi għall-pajjiż, oqfsa baġitarji ta’ terminu medju, u mekkaniżmi li jirregolaw ir-relazzjonijiet fiskali bejn l-awtoritajiet pubbliċi fis-sottosetturi tal-gvern estiż. Filwaqt li r-rieżami kopra dawn id-dispożizzjonijiet kollha, filwaqt li haress lejn jekk kinux għadhom rilevanti u jekk kinux ġew mifhuma u applikati kif maħsub, ir-rieżami qies ukoll elementi ġodda, li jirriflettu l-iżviluppi mill-2011. B’mod partikolari, l-istituzzjonijiet fiskali indipendenti (IFIs) urew li jista’ jkollhom rwol importanti biex jinfurmaw id-dibattitu dwar il-politika fiskali u jrawmu Prattiki baġitarji sodi jekk l-istruttura istituzzjonali tagħhom tkun b’saħħitha u jkollhom riżorsi tajbin, u l-implikazzjonijiet fiskali tat-tibdil fil-klima jkunu saru dejjem aktar urġenti. Id-Direttiva (UE) 2024/1265 tirrifletti l-eżitu tar-rieżami u n-negozjati mal-Kunsill u l-Parlament Ewropew, li jirriżultaw f’emendi għad-Direttiva 2011/85/UE, li jridu jiġu trasposti fil-liġi nazzjonali mill-Istati Membri sal-31 ta’ Diċembru 2025.

L-Artikolu 16(1), l-ittra b) tad-Direttiva 2011/85/UE li għadha kif ġiet emendata tiddikjara li sal-31 ta’ Diċembru 2025 u kull ħames snin wara dan, il-Kummissjoni trid *tirrapporta dwar is-sitwazzjoni attwali tal-kapaċità u l-kompiti tal-istituzzjonijiet fiskali indipendenti fl-Unjoni, filwaqt li tqis il-progress li sar mid-dħul fis-seħħ ta’ din id-Direttiva, filwaqt li tibni fuq is-sejbiet tal-Bażi tad-Data dwar il-Governanza Fiskali tal-Kummissjoni u l-konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, bil-ħsieb li jiġu esplorati standards minimi*. Għal dak l-għan, il-Kummissjoni pproduċiet dan ir-rapport u dokument ta’ ħidma tal-persunal li jakkumpanjah bi skedi informattivi individwali li jippreżentaw il-fatti u l-karatteristiċi ewlenin għall-31 IFI kollha li bħalissa huma stabbiliti fl-UE u b’sommarju tal-punti b’saħħithom u daww dgħajfa ta’ kull IFI. L-iskedi informattivi huma bbażati fuq informazzjoni pprovduta mill-IFIs għall-edizzjoni tal-2025 tal-Bażi tad-Data dwar il-Governanza Fiskali (modulu IFI) tal-Kummissjoni kif ukoll fuq input addizzjonali riċevut għar-rapport ta’

¹ ĠU L 306, 23.11.2011, p. 41.

² [Ir-Regolament \(UE\) 2024/1263 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-29 ta’ April 2024](#) kif ukoll [Ir-Regolament tal-Kunsill \(UE\) 2024/1264 tad-29 ta’ April 2024 li jemenda r-Regolament \(KE\) Nru 1467/97 dwar li titħaffef u li tiġi ċċarata l-implimentazzjoni tal-proċedura ta’ defiċit eċċessiv, kif ukoll id-Direttiva tal-Kunsill \(UE\) 2024/1265 tad-29 ta’ April 2024 li temenda d-Direttiva 2011/85/UE dwar ir-rekwiżiti għal oqfsa baġitarji tal-Istati Membri.](#)

progress interim³ u f'diversi skambji bilaterali mal-awtoritajiet nazzjonali u l-IFIs. Dan ir-rapport iqis l-informazzjoni disponibbli sa nofs Ottubru 2025, inkluża l-leġislazzjoni nazzjonali adottata sa dak iż-żmien. Huwa jippreżenta konklużjonijiet ġenerali misluta mill-informazzjoni li tinsab fl-iskedi informativi.

L-għan ta' dan ir-rapport huwa li jevalwa l-kompiti u l-kapaċità tal-IFIs tal-UE bil-ħsieb li jiffaċilita t-tagħlim reċiproku u l-iżvilupp futur tal-IFIs. L-informazzjoni stabbilita f'dan ir-rapport se sservi wkoll bħala linja bażi li magħha jitqabblu l-eżerċizzji ta' rendikont ta' segwitu. Kif diġà ġie nnotat, id-Direttiva tistieden lill-Kummissjoni tirrapporta dwar il-kompiti u l-kapaċità tal-IFI darba kull 5 snin. Mhux l-inqas dan se joffri għarfien utli fir-rigward tal-valutazzjoni ta' kemm l-IFIs għandhom il-kapaċità li jwettqu l-kompiti li, mill-2032, se jsiru obbligatorji f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2024/1263 tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir⁴.

L-għan ta' dan ir-rapport mhuwiex li jivvaluta l-konformità tad-dispożizzjonijiet nazzjonali mad-Direttiva emendata. Tali valutazzjoni se titwettaq wara l-iskadenza tad-dispożizzjoni f'konformità mad-dritt tal-UE.

Ir-rapport huwa strutturat kif ġej: It-taqsimu li jmiss tagħti ħarsa ġenerali fil-qosor lejn l-iżviluppi mid-dħul fis-seħħ tad-Direttiva oriġinali fl-2011. Iż-żewġ subtaqsimiet li ġejjin jiġbru fil-qosor is-sitwazzjoni attwali fir-rigward tal-kompiti u l-kapaċità, rispettivament, tal-IFIs tal-UE. Din l-aħħar subtaqsimu, min-naħa tagħha, tkopri r-riżorsi, l-indipendenza u l-attivitajiet ta' komunikazzjoni tal-IFIs. It-taqsimu finali tar-rapport tiġbor fil-qosor is-sejbiet ewlenin.

2. IL-KOMPITI U L-KAPAĊITÀ TAL-IFIS TAL-UE

2.1 L-iżviluppi mid-dħul fis-seħħ tad-Direttiva 2011/85/UE

Il-qafas legali li qed jevolvi li jirregola l-IFIs⁵ bla dubju kien wieħed mill-fatturi ewlenin wara ż-żieda qawwija fl-għadd ta' IFIs osservati fl-UE matul l-aħħar għaxar snin u nofs. L-illustrazzjoni 1 turi li għadd kbir ta' IFIs ġodda ġew stabbiliti fis-snin ta' wara l-kriżi finanzjarja globali u l-leġislazzjoni l-ġdida tal-UE li segwiet, b'mod partikolari r-Regolament (UE) Nru 473/2013. Qabel dan, ftit biss mill-IFIs kienu jeżistu fl-UE, għalkemm xi wħud minnhom kellhom storja twila, bħall-WIFO fl-Awstrija, is-CPB fin-Netherlands, il-Kunsilli Ekonomiċi Daniżi fid-Danimarka u l-Uffiċċju Federali tal-Ippjanar fil-Belġju⁶⁷. Aktar reċentement, ġew stabbiliti IFIs fi Stati Membri li mhumiex parti miż-żona tal-euro, inklużi ċ-Ċekja u l-Polonja. L-aħħar IFI li għandu jiġi stabbilit huwa l-Kunsill Fiskali tal-Polonja, li

³ [Rapport Interim ta' Progress](#) dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 2024/1265/UE tad-29 ta' April 2024 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 2011/85/UE dwar ir-rekwiżiti għal oqfsa baġitarji tal-Istati Membri.

⁴ L-Artikoli 11 u 15 tar-Regolament (UE) 2024/1263 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2024 dwar il-koordinazzjoni effettiva tal-politiki ekonomiċi u dwar is-sorveljanza baġitarja multilaterali u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97.


⁵ Minbarra d-Direttiva 2011/85/UE dwar ir-rekwiżiti għal oqfsa baġitarji tal-Istati Membri, din tinkludi r-Regolament (UE) Nru 473/2013 dwar dispożizzjonijiet komuni għall-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-abbozzi tal-pjanijiet baġitarji u l-iżgurar tal-korrezzjoni tad-defiċit eċċessivi tal-Istati Membri fiż-żona tal-euro. Barra mill-qafas legali tal-UE, it-Trattat dwar l-Istabbiltà, il-Koordinazzjoni u l-Governanza fl-Unjoni Ekonomika u Monetarja, ftehim intergovernattiv iffirmat f'Marzu 2012, fih ukoll dispożizzjonijiet li jaffettwaw l-IFIs fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, b'mod partikolari fit-Titolu III tiegħu, li jistabbilixxi l-hekk imsejjaħ "Patt Fiskali". Ir-riforma tal-2024 inkorporat il-patt fiskali fil-liġi tal-UE.

⁶ Għall-isem sħiħ tal-IFIs, ara l-Anness 1.

⁷ Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, dawn l-istituzzjonijiet għandhom mandat usa' mill-IFI tipiku, li ġie stabbilit qabel ma beda l-istabbiliment tal-IFIs.

huwa mistenni li jibda jopera fl-1 ta' Jannar 2026. Dan iġib l-għadd totali ta' IFIs fl-UE għal 32⁸.

L-Illustrazzjoni 1. L-għadd ta' IFIs fl-UE mill-2010



Sors: Il-Bażi tad-Data dwar il-Governanza Fiskali tal-Kummissjoni Ewropea (edizzjoni tal-2025)
N.B. Il-Polonja hija mistennija li jkollha IFI operazzjonali mill-2026.

Ħames Stati Membri għażlu li jkollhom żewġ IFIs, kull wieħed b'kompiti speċifiċi tal-IFI⁹. Fil-ħames każijiet kollha, waħda miż-żewġ IFIs hija istituzzjoni li ilha teżisti bi tradizzjoni ta' tbassir makroekonomiku. Meta introduċew l-IFIs fil-qafas fiskali nazzjonali, daww l-Istati Membri qiesu li kien effiċjenti li dawn l-istituzzjonijiet jitħallew ikomplu jieħdu ħsieb il-kompitu li jipproduċu t-tbassir makroekonomiku sottostanti għall-pjanijiet baġitarji tal-gvern, u li istituzzjoni oħra titħalla tiegħu ħsieb il-kompitu l-ieħor tal-IFI li jirriżulta mil-leġiżlazzjoni tal-UE, jiġifieri l-monitoraġġ tal-konformità mar-regoli fiskali, kif ukoll, possibbilment, kompiti oħra tal-IFI bħall-valutazzjoni tas-sostenibbiltà fit-tul jew tal-ikkostjar baġitarju. L-emendi għad-Direttiva 2011/85/UE jippermettu b'mod espliċitu li Stat Membru jkollu aktar minn IFI wieħed, biex jaħseb għal kuntesti nazzjonali speċifiċi bħal dawn. Tali soluzzjonijiet jistgħu, madankollu, jikkumplikaw l-ambizzjoni li tinholq identità tal-IFI, b'istituzzjoni waħda tidher b'mod ċar mill-pubbliku bħala l-għassies tal-politika fiskali nazzjonali¹⁰.

Hemm ukoll grupp ta' IFIs li huma marbuta ma' istituzzjoni prinċipali jew inkorporati fiha, bħall-Qorti tal-Awdituri nazzjonali (il-Finlandja, Franza u l-Litwanja), jew fejn ir-rwol tal-IFI huwa assenjat lil istituzzjoni li għandha wkoll kompiti oħra mhux tal-IFI (pereż. l-Awstrija/WIFO, id-Danimarka, in-Netherlands/CPB u l-CoS, il-Lussemburgu/STATEC, is-Slovenja/IMAD). Tali soluzzjonijiet jistgħu jippermettu lil IFI juża l-għarfien espert eżistenti jew "jissellef" il-kredibbiltà stabbilita ta' istituzzjoni eżistenti filwaqt li jibbenefika minn xi

⁸ Dan in-numru jinkludi istituzzjonijiet li għandhom mill-inqas wieħed mill-kompiti tal-IFI elenkati fil-leġiżlazzjoni fil-livell tal-UE u li jissodisfaw ukoll il-kriterji bażiċi għall-indipendenza. Xi Stati Membri għandhom ukoll istituzzjonijiet oħra b'kompiti simili għal daww tal-IFIs, bħall-uffiċċji baġitarji parlamentari, mingħajr ma dawn iwettqu l-ebda wieħed mill-kompiti formali tal-IFI (pereż. l-Awstrija, il-Greċja u l-Portugall).

⁹ Dawn il-ħames Stati Membri huma l-Awstrija, il-Belġju, il-Lussemburgu, in-Netherlands u s-Slovenja.

¹⁰ Il-premessa 14 tad-Direttiva (UE) 2024/1265 għalhekk tiddikjara li "għandha tiġi evitata frammentazzjoni istituzzjonali eċċessiva tal-kompiti ta' monitoraġġ".


protezzjoni baġitarja. Madankollu, dan għal darb' oħra jirriskja li jagħmel ir-rwol speċifiku tal-IFI inqas viżibbli faċilment, li jista' jikkomplika l-komunikazzjoni dwar kwistjonijiet fiskali mal-pubbliku.

Peress li l-oqfsa fiskali nazzjonali għandhom jitħallew jirriflettu karatteristiċi u tradizzjonijiet istituzzjonali nazzjonali speċifiċi, il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-IFIs ma timponix “approċċ “kulħadd f'keffa waħda” iżda tippermetti lok għal għażliet speċifiċi għall-pajjiż u grad ta' flessibilità rigward l-interpretazzjoni eżatta jew l-implimentazzjoni Prattika ta' ċerti dispożizzjonijiet. Dan wassal għal differenzi relattivament kbar bejn l-IFIs tal-UE. It-taqsimiet li ġejjin joffru ħarsa ġenerali fil-qosor tas-sitwazzjoni attwali rigward xi wħud mill-karatteristiċi ewlenin tal-IFIs.

2.2 L-ambitu tal-kompiti tal-IFI tal-UE

Il-firxa wiesgħa ta' differenzi bejn l-IFIs tal-UE hija viżibbli b'mod ċar fl-ambitu tal-kompiti tagħhom, kemm jekk ikunu l-kompiti li fil-fatt iwettqu kif ukoll jekk ikunu l-mandati legali tagħhom. Din id-diversità tista' tirrifletti l-fatt li sar-reviżjoni reċenti tal-qafas legali, il-leġiżlazzjoni tal-UE kienet teħtieġ biss mandat relattivament limitat għal “korpi indipendenti”, li jkopri l-aktar il-produzzjoni jew l-approvazzjoni ta' previżjonijiet makroekonomiċi (għaż-żona tal-euro) u l-monitoraġġ tal-konformità mar-regoli fiskali nazzjonali. Kien biss wara l-emendi għad-Direttiva 2011/85/UE li dawn il-kompiti ġew stabbiliti bħala kompiti tal-IFI fl-Istati Membri kollha tal-UE u li żdiedu kompiti oħra. B'risultat ta' dan, xi Stati Membri qiesu li kien biżżejjed li jirrikjedu biss li l-IFI tagħhom jissodisfa dan il-mandat dejjaq, filwaqt li oħrajn espendewh jew, tal-anqas, taw lill-IFIs il-libertà u l-mezzi biex jagħmlu dan. Dan huwa rifless fl-indiċi SIFI, indiċi bbażat fuq data miġbura mill-Kummissjoni mill-IFIs tal-UE għall-Istħarriġ annwali tal-Bażi tad-Data dwar il-Governanza Fiskali (l-Illustrazzjoni 2). Huwa jkejjel l-ambitu tal-kompiti tal-IFI, ponderati mill-intensità li biha jiġu segwiti u s-saħħa legali tal-mandat tagħhom. Għalhekk mhuwiex indikatur ta' kemm huma effiċjenti jew indipendenti jew x'impatt għandhom fuq il-politika fiskali. Kif mistenni, l-indiċi ġenerali juri grad għoli ta' stabbiltà maż-żmien, għalkemm ftit IFIs raw l-indiċi tagħhom jissaħħaħ f'dawn l-aħħar snin.

L-Illustrazzjoni 2. Varjazzjoni fl-ambitu tal-attività tal-IFI (indiċi SIFI)



Sors: Il-Bażi tad-Data dwar il-Governanza Fiskali tal-Kummissjoni Ewropea (edizzjoni tal-2025)
N.B. l-ogħla valur possibbli tal-indiċi SIFI huwa 100.

Ħames IFIs irrapportaw li jipproduċu t-**tbassir makroekonomiku** sottostanti għall-pjanijiet baġitarji tal-Istati Membri rispettivi tagħhom. 14-il IFI oħra rrapportaw li huma japprovaw dawn il-previżjonijiet huma stess jew permezz ta' kumitat marbut mal-IFI tagħhom jew li fih għandhom drittijiet tal-vot. Żewġ Stati Membri taż-żona tal-euro rrapportaw li l-IFIs tagħhom jivvalutaw biss previżjonijiet bħal dawn (il-Finlandja u Franza), filwaqt li fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri li mhumiex fiż-żona tal-euro, l-IFIs irrappurtaw li ftit li xejn kellhom involviment sa issa fit-tnejn jew fil-valutazzjoni tat-tbassir makroekonomiku.

L-IFIs huma kemxejn inqas involuti fit-**tbassir baġitarju**, b'madwar nofs l-IFIs jirrapportaw li jew japprovaw jew jivvalutaw it-tbassir baġitarju qabel ma l-pjanijiet baġitarji jiġu adottati mill-parlament. Dan ma jfissirx li dawk l-IFIs jibbażaw il-valutazzjonijiet tagħhom fuq tbassir fiskali sħiħ tagħhom stess, kif il-biċċa l-kbira ma jagħmlux, u lanqas ma jfisser li l-ebda wieħed mill-IFIs l-oħra ma jipproduċi l-previżjonijiet baġitarji tiegħu stess, peress li xi IFIs jagħmlu dan. Ftit biss mill-IFIs jibbażaw il-valutazzjonijiet tagħhom fuq **l-ispejjeż kwantitattivi tal-politika** (pereż. l-Awstrija (FISK), il-Belġju (FPB), l-Italja u n-Netherlands (CPB)).

L-Istati Membri kollha minbarra l-Polonja rrapportaw li għandhom IFI b'mandat biex iwettqu **monitoraġġ ex post tal-konformità mar-regoli fiskali nazzjonali**, peress li din hija attività ewlenija tal-IFIs, filwaqt li kważi daqstant irrapportaw li għandhom ukoll mandat biex iwettqu monitoraġġ *ex ante* tal-konformità.

Ftit aktar minn nofs l-IFIs irrapportaw li jwettqu xi forma ta' **analiżi tas-sostenibbiltà fit-tul**, bil-biċċa l-kbira jiddikjaraw li dan il-kompitu huwa espliċitament parti mill-mandat tagħhom. B'riflessjoni tal-fatt li l-analiżijiet tas-sostenibbiltà huma attività relattivament intensiva fir-riżorsi u spiss jitwettqu flimkien mal-kompiti l-oħra msemmija hawn fuq, primarjament l-IFIs b'riżorsi aktar tajbin irrappurtati li jwettqu dan il-kompitu, pereż. l-IFIs fl-Awstrija (WIFO), il-Belġju (FPB), Spanja, l-Italja, in-Netherlands (CPB), il-Portugall u s-Slovakkja. Madankollu, xi IFIs iżgħar irrappurtaw li huma attivi f'diversi gradi f'dan il-qasam, eż. IFIs fl-Awstrija (FISK), fiċ-Ċekja, fl-Irlanda, fil-Litwanja, fil-Latvja u fis-Slovenja (FC). Minn dawk li ma rrapportaw l-ebda attività fil-qasam tas-sostenibbiltà fit-tul, kważi kollha kienu relattivament żgħar.

Fir-rigward tal-involviment tal-IFIs fl-ewwel ċiklu ta' **pjanijiet fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju** (MTFSP), l-istampa hija varjata, li tista' tirrifletti l-fatt li l-Istati Membri għandhom sa tmiem l-2025 biex jittrasponu l-emendi għad-Direttiva 2011/85/UE u kellhom żmien limitat biex jitrattaw il-qafas il-ġdid ta' governanza fiskali tal-UE. Barra minn hekk, kif diġà ntqal, l-Istati Membri mhux se jkunu legalment meħtieġa jinvolvu l-IFIs qabel l-1 ta' Mejju 2032. Madankollu, madwar nofs l-Istati Membri rrapportaw li involvew mill-inqas IFI wieħed b'xi mod fl-ewwel ċiklu ta' MTFSPs, l-aktar billi approvawh (jew f'xi każijiet ipproduċew) it-tbassir makroekonomiku li fuqu huwa bbażat il-pjan. Xi IFIs haġġu l-valutazzjoni tagħhom stess tal-pjanijiet anke mingħajr ma ngħataw il-kompitu formali li jagħmlu dan.

Bl-istess mod, peress li **l-valutazzjoni tal-konsistenza, il-koerenza u l-effettività tal-qafas fiskali nazzjonali** saret biss kompitu obbligatorju wara l-emenda għad-Direttiva 2011/85/UE, mhux sorprendenti li għadd limitat biss ta' IFIs irrapportaw li kienu attivi f'dan il-qasam u spiss sa ċertu punt biss mingħajr ma wettqu analiżi komprensiva tal-qafas kollu kemm hu.

2.3 Il-kapaċità tal-istituzzjonijiet fiskali indipendenti tal-UE

2.3.1 Riżorsi finanzjarji u persunal

Il-livell ta' riżorsi finanzjarji disponibbli għall-IFIs ivarja b'mod sinifikanti bejn l-IFIs. L-aktar **approprjazzjonijiet baġitarji baxxi** rrapportati għall-2024 kienu ta' EUR 100 000 (il-Lussemburgu/CNFP). B'kuntrast ma' dan, xi IFIs awtonomi rrapportaw baġits ferm oġhla (madwar EUR 11-il miljun fi Spanja)¹¹. Il-baġit medjan ibbażat fuq dawk l-IFIs li setgħu jidentifikaw il-baġit tagħhom stess kien ta' madwar EUR 900 000. Tliet IFIs ma setgħux jindikaw ammont peress li l-finanzjament għall-attivitajiet tagħhom ġie rrapportat li ġej mill-baġit ġenerali ta' istituzzjoni prinċipali, li f'it li xejn kellhom kontroll fuqha (il-Belġju/SPBR, Franza u n-Netherlands/CoS). Il-firxa wiesgħa ta' approprjazzjonijiet baġitarji tirrifletti prinċipalment id-daqs li jvarja tal-persunal tekniku tal-IFIs, iżda wkoll għadd ta' karatteristiċi istituzzjonali oħra deskritti f'aktar dettall hawn taht¹².

Il-livelli tal-persunal ivarjaw bejn l-IFIs minn madwar ekwivalenti wieħed full-time fil-Ġermanja¹³ għal 67 fi Spanja. Il-livell medjan tal-persunal huwa ta' 6.5 membru tal-persunal, filwaqt li ż-żewġ kwartili ta' nofs il-kwartili kienu jkopru firxa ta' bejn 4 u 20 membru tal-persunal¹⁴. Bħala kejl tal-kapaċità analitika tal-IFIs, l-għadd medjan ta' ekonomisti u esperti legali kien jammonta għal erba' persuni, li bħala medja kienu jirrappreżentaw madwar żewġ terzi tal-persunal totali¹⁵.

Filwaqt li joffru stampa ġenerali, dawn in-numri jridu madankollu jiġu interpretati b'kawtela fid-dawl ta' **għadd ta' fatturi speċifiċi għall-pajjiż**. Pereżempju, aktar minn nofs l-IFIs kollha rrapportaw li rċevew gradi differenti ta' assistenza materjali minn istituzzjonijiet oħra. Ħafna drabi dan isir fil-forma ta' servizzi komuni bħall-IT, ir-riżorsi umani u l-komunikazzjonijiet jew fil-forma ta' bini li jkun disponibbli jew persunal li jkun qed jiġi ssekondat. Barra minn hekk, fi ftit każijiet, in-numri rrapportati ma kinux jinkludu riżorsi tal-persunal ipprovduti permezz ta' kunitati meħmuża li jwettqu l-kompitu li japprovaw il-previżjonijiet makroekonomiċi (il-Ġermanja u s-Slovakkja).

Fil-każ ta' għadd ta' IFIs, l-approprjazzjonijiet baġitarji tagħhom iddikjaraw b'mod eċċessiv ir-riżorsi disponibbli, peress li spiss kienu bbażati fuq għadd teoretiku ta' karigi fl-IFI, li mhux dejjem imtlew. Dan kien ifisser li fir-realtà, l-IFI uża inqas mill-baġit allokat tiegħu, xi drabi ferm inqas. L-IFIs sabuha diffiċli biex jimlew il-karigi għal għadd ta' raġunijiet. L-IFIs ikkonċernati spiss irrapportaw raġunijiet relatati mas-salarji, u ddikjaraw li ma setgħux jistabbilixxu l-livelli tal-pagi tal-persunal iżda minflok kellhom isegwu l-iskali tal-pagi stabbiliti tal-impjegati taċ-ċivil, li għamilha diffiċli li jiġu attirati u miżmuma kandidati bi profil xieraq. Raġuni oħra kienet relatata ma' proċeduri amministrattivi kkomplicati li

¹¹ Uħud mill-akbar istituzzjonijiet, li għandhom mandati li jmorru lil hinn mill-kompiti tal-IFI, spiss jirrapportaw l-approprjazzjoni tal-baġit tal-istituzzjoni kollha, li tikkomplicha l-paraguni ma' IFIs iżgħar.

¹² Meta jitqabblu l-baġits tal-IFI, wieħed għandu jżomm f'moħħu wkoll li l-livelli tal-pagi jvarjaw bejn l-Istati Membri.

¹³ Hawnhekk, il-kompitu u l-ħtiġijiet tal-persunal li japprovaw it-tbassir makroekonomiku huma koperti minn membru istituzzjonali wieħed tal-IFI, il-grupp tat-Tbassir Ekonomiku Konġunt.

¹⁴ Għall-istituzzjonijiet akbar li jwettqu wkoll kompiti mhux tal-IFI, l-għadd ta' membri tal-persunal irrapportat spiss kien ir-riżultat ta' stima tal-ekwivalenti full-time ddedikat għall-kompiti tal-IFI, li introduċiet element ta' suġġettività, jew l-għadd globali tal-persunal ġie rrapportat mingħajr ma saret enfasi fuq il-parti tal-IFI, b'dan jirriżulta f'għadd ta' persunal (ħafna) oġhla milli għall-IFI Spanjol.

¹⁵ Dan jinkludi l-maniġers, li spiss jagħmlu wkoll xogħol analitiku, il-medjan jizjed għal 5 u s-sehem medju tal-persunal totali għal madwar 80 %. Għal xi IFIs iżgħar, l-ekonomisti u l-esperti legali bħala sehem mill-persunal totali ammontaw biss għal 25-40 % (madwar 50 % inklużi l-maniġers), u dan kompla jillimita l-kapaċità tagħhom. Kategoriji oħra jinkludu persunal amministrattiv u persunal ieħor.

jdewmu l-proċeduri ta' reklutaġġ, li min-naħa tagħhom illimitaw il-grupp ta' kandidati eliġibbli.

Ftit Stati Membri rrapportaw li għandhom fis-seħħ protezzjonijiet legali biex jiżguraw **finanzjament stabbli** għall-IFIs. Stat Membru wieħed kien introduċa liġi li tirrikjedi li l-appropriazzjonijiet tal-IFI jkunu marbuta mal-inflazzjoni (Malta). Ieħor kellu rekwiżit biex il-finanzjament tal-IFI jkun biżżejjed biex ikopri ċertu numru ta' attivitajiet tal-IFI (il-Latvja). Fi Stat Membru ieħor, kien hemm leġislazzjoni li tistabbilixxi li l-appropriazzjonijiet tal-baġit tal-istat jistgħu jitnaqqsu biss f'ċirkostanzi eċċezzjonali debitament ġustifikati (il-Portugall). Fi Stati Membri oħra, jeżistu Prattiki stabbiliti li jsegwu għanijiet simili għal dawk deskritti hawn fuq (pereż. fl-Awstrija), iżda dawn mhumiex minquxa fil-liġi.

2.3.2 L-Indipendenza

Il-kapaċità ta' IFI li jinfluwenza l-politika fiskali mhijiex relatata biss mar-riżorsi baġitarji tiegħu jew mal-għadd ta' persunal kwalifikat (ara s-subtaqsima preċedenti), iżda wkoll mal-indipendenza tal-istituzzjoni. Jekk IFI ma jitqiesx bħala indipendenti, l-analiżi u l-opinjoni tiegħu jirriskjaw li jitqiesu bħala preġudikati u sussegwentement jiksbu inqas trazzjoni fid-diskussjonijiet. Ma hemm l-ebda l-aħjar mod biex titkejjel l-indipendenza ta' IFI. Madankollu, karatteristiċi istituzzjonali ewlenin flimkien ma' indikaturi li jikkonċernaw il-kapaċità tal-IFI fil-prattika li jaġixxi u jikkomunika liberament fi ħdan il-mandat tiegħu jistgħu jaqdbu haġna mill-aktar aspetti importanti biex tiġi ggarantita l-indipendenza¹⁶.

L-ewwel linja ta' difiża kontra interferenza bla bżonn hija li jkun hemm leġislazzjoni fis-seħħ li tipprojbixxi lill-IFIs milli **jieħdu struzzjonijiet** mingħand kulħadd. Madwar nofs l-IFIs tal-UE huma koperti minn dispożizzjonijiet bħal dawn. Terz ieħor għandhom referenzi aktar ġenerali fil-leġislazzjoni għall-istituzzjoni li tkun indipendenti. Peress li l-emenda għad-Direttiva 2011/85/UE tinkludi b'mod espliċitu rekwiżit li l-IFIs jiġu pprojbti milli jieħdu struzzjonijiet, l-Istati Membri li għadhom ma introduċewx dispożizzjoni speċifika għal dak l-għan se jkunu meħtieġa jagħmlu dan.

Kriterju ieħor, li l-għan tiegħu huwa li jiżgura li jinħatru persuni xierqa biex imexxu l-IFI, jew bħala Kap tal-istituzzjoni jew bħala membru tat-tmexxija tagħha¹⁷, huwa li jkun hemm fis-seħħ **proċeduri ta' ħatra trasparenti** u rekwiżiti adegwati ta' kompetenza professjonali. Il-biċċa l-kbira tal-IFIs għandhom proċeduri ta' ħatra bbażati fuq il-liġi, għalkemm ir-rappreżentanti tal-gvern, b'mod partikolari mill-Ministeru tal-Finanzi, spiss ikollhom influwenza qawwija fuq il-proċedura ta' nomina, u jgħorru magħha xi riskju ta' preġudizzju b'interessi proprji. Fil-Portugall u fil-Greċja, il-proċeduri ta' nomina huma bbażati fuq grupp usa' ta' partijiet ikkonċernati, li jinvolvu l-President tal-Qorti tal-Awdituri u l-gvernatur tal-bank ċentrali. Fl-Irlanda, titħabbar pubblikament kompetizzjoni ġenerali, li warajha titfassal lista qasira minn kumitat tal-għażla, li tinkludi, fost l-oħrajn, il-president attwali tal-IFI u parti kkonċernata esterna. Fl-Italja, il-kandidati jintgħażlu minn lista ta' għaxar persuni, magħżula

¹⁶Ir-riżorsi għad-dispożizzjoni ta' IFI jikkontribwixxu wkoll għall-indipendenza tiegħu peress li jistabbilixxu l-limiti fuq dak li jista' jagħmel. Barra minn hekk, ir-rikonoxximent bħala attur ewleni fid-dibattitu dwar il-politika fiskali billi jintlaħqu b'suċċess il-partijiet ikkonċernati (is-suġġett tas-subtaqsima 2.3.3) jaffettwa l-indipendenza tiegħu. Flimkien, dawn l-elementi jibnu l-kapaċità tal-IFI.

¹⁷ Il-biċċa l-kbira tal-IFIs għandhom struttura bbażata fuq Bord b'President u fitit membri, issekondati minn segretarjat b'esperti tekniċi biex jgħinu lill-Bord fil-produzzjoni ta' analiżi u rapporti eċċ. Madankollu, jeżistu eċċezzjonijiet, pereż. l-AIReF ta' Spanja, li hija mmexxija minn Presidenza ta' persuna waħda, appoġġjata minn Kumitat Eżekuttiv li jikkonsisti mill-Kapijiet tal-erba' Diviżjonijiet fl-AIReF.

mill-kumitati baġitarji taż-żewġ kmamar tal-parlament, skont regola ta' maġġoranza ta' żewġ terzi.

Fir-rigward tar-**rekwiżiti ta' kompetenza professjonali**, kważi l-IFIs kollha għandhom regoli jew leġislazzjoni fis-seħħ li jispeċifikaw il-kwalifiki u l-esperjenza meħtieġa biex jassumu funzjoni ta' tmexxija, spiss b'enfasi fuq l-ekonomija u l-għarfien esperti tal-finanzi pubbliċi. Madankollu, hemm ukoll każijiet fejn ir-**rekwiżiti professjonali** huma stabbiliti f'termini aktar ġenerali (b'mod partikolari f'istituzzjonijiet li għandhom ukoll kompiti mhux tal-IFI) jew fejn jintużaw kriterji li jistgħu jirrestrinġu bla bżonn il-grupp ta' kandidati, bħal rekwiżit li wieħed ikun ċittadin tal-Istat Membru inkwistjoni. Fil-każ ta' ftit IFIs, ma jeżisti l-ebda rekwiżit espliċitu ta' kompetenza professjonali, għalkemm it-tmexxija fir-realtà hija kwalifikata tajjeb ħafna.

Garanzija essenzjali tal-indipendenza tal-IFIs hija l-kapaċità tagħhom li **jikkomunikaw liberament** (innota li aspetti aktar prattiċi ta' dan il-kriterju huma eżaminati fis-subtaqsima li jmiss). L-IFIs fl-Istati Membri kollha minbarra Franza (li l-IFI tagħha jista' jippubblika opinjonijiet biss fuq lista definita ta' liġijiet baġitarji) igawdu minn dritt formali li jikkomunikaw liberament. Garanzija daqstant importanti tikkonċerna **d-dritt tal-IFIs li jaċċessaw l-informazzjoni** u l-applikazzjoni ta' dan id-dritt fil-prattika. Madwar tliet kwarti tal-IFIs igawdu minn dritt legali li jaċċessaw l-informazzjoni meħtieġa biex iwettqu l-kompiti tagħhom. IFIs oħra għandhom dan id-dritt ikkodifikat permezz ta' ftehimiet formali. Fil-każ ta' numru żgħir ta' IFIs, dan id-dritt la huwa stabbilit fil-liġi u lanqas fi ftehim formali. Madankollu, l-esperjenza turi li dritt formali bl-ebda mod ma jiggarrantixxi aċċess f'waqt u sħiħ għall-informazzjoni fil-prattika. Sabiex jindirizzaw dan, xi IFIs iffirmaw memoranda ta' qbil jew ftehimiet simili li jispeċifikaw il-kontenut, l-iskeda ta' żmien u l-format tal-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta. Madankollu, għadhom iqumu kwistjonijiet, ħafna drabi b'rabta mad-data baġitarja u l-informazzjoni dwar il-miżuri fiskali inklużi fil-baġits u l-pjanijiet tal-gvern.

Sabiex jiġi żgurat li d-diskussjonijiet dwar il-politika fiskali jkunu infurmati tajjeb u biex jissaħħaħ ir-rwol tal-IFIs f'tali diskussjonijiet, huwa importanti li l-IFIs jinvolvu ruħhom **fi djalogo kontinwu mal-gvern** dwar kwistjonijiet kritiċi ta' politika fiskali. Dan jista' jseħħ spontanjament jew jista' jiġi mħeġġeġ minn obbligu legali għall-awtoritajiet li jew jikkonformaw mad-diversi valutazzjonijiet u opinjonijiet tal-IFI jew li jispjegaw għaliex ma għandhomx l-intenzjoni li jagħmlu dan; dan il-prinċipju ta' "konformità jew spjegazzjoni" issa huwa inkluż fid-Direttiva 2011/85/UE u jeħtieġ li jiġi traspost fil-liġi nazzjonali sal-2026. Fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, il-prinċipju ta' konformità jew spjegazzjoni, sa issa, ġie applikat verament biss fir-rigward tal-mekkaniżmu ta' korrezzjoni, jiġifieri meta jinstab li Stat Membru ma jkunx ikkonforma ma' regola fiskali¹⁸. Huwa ġeneralment inqas komuni li l-awtoritajiet ikunu taħt tali obbligu legali fir-rigward ta' valutazzjonijiet u opinjonijiet oħra maħruġa mill-IFIs. F'xi Stati Membri, b'mod partikolari dawk li fihom l-IFI huwa istituzzjoni li ilha teżisti (pereż. id-Danimarka u n-Netherlands/CPB), hija tradizzjoni stabbilita li l-gvern iwieġeb għall-valutazzjonijiet tal-IFI, anke fil-qasam fiskali, anke mingħajr obbligu legali li jagħmel dan. Min-naħa l-oħra, l-eżistenza ta' obbligu legali fiha nnifisha ma tiggarrantixxix reazzjoni sinifikanti jew kopertura medjatika wiesgħa ta' kwalunkwe interazzjoni bejn l-IFI u l-gvern.

Parti kkonċernata ewlenija oħra għall-IFIs hija **l-parlament nazzjonali**. Billi jiltaqgħu ma' dawk li jfasslu l-liġijiet u jwieġbu għall-mistoqsijiet tagħhom dwar il-politika fiskali, l-IFIs

¹⁸ Dan jirriżulta minn obbligu stabbilit fil-ftehim tal-Patt Fiskali. Ara n-nota 5 f'qiegħ il-paġna.

jistgħu potenzjalment jitqiesu bħala arbitri newtrali dwar kwistjonijiet fiskali u jkollhom l-opportunità li jwasslu l-opinjoni tagħhom. Għalkemm il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri normalment jistiednu lill-IFIs għal seduti ta' smiġ, huma biss ftit l-Istati Membri li għandhom obbligu legali reali li jagħmlu dan, iżda fil-biċċa l-kbira dan normalment jiġri xorta waħda. Fl-2024, madwar terz tal-IFIs kollha dehru fil-parlament mill-inqas erba' darbiet. B'kuntrast ma' dan, kwart ma' ġew mistiedna xejn. Il-prattika tal-IFIs li jwieġbu l-mistoqsijiet parlamentari mhijiex mifruxa ħafna fl-UE. Nofs l-IFIs ma kinux involuti f'din l-attività fl-2024, filwaqt li ftit biss għamlu dan aktar minn erba' darbiet.

Fl-aħħar nett, l-IFIs jistgħu jsaħħu l-indipendenza tagħhom billi regolarment jgħaddu minn **evalwazzjonijiet esterni** minn evalwaturi indipendenti. L-evalwazzjonijiet esterni normalment jirriżultaw f'rakkomandazzjonijiet kemm għall-IFIs kif ukoll għall-awtoritajiet dwar kif jistgħu jittejjbu l-organizzazzjoni, ix-xogħol u l-impatt tal-IFI. Għalkemm din il-prattika s'issa ma kinitx mifruxa ħafna fl-UE, b'madwar żewġ terzi tal-IFIs li qatt ma għaddew minn tali evalwazzjoni, id-Direttiva emendata tagħmel tali evalwazzjonijiet obbligatorji fil-futur. Bħalissa, fejn jitwettqu l-evalwazzjonijiet, dawn huma fil-biċċa l-kbira volontarji. F'każijiet, fejn ikun hemm qafas legali jew esperjenza twila ta' evalwazzjonijiet, dawn normalment jitwettqu f'intervalli xierqa, jiġifieri kull 4-6 snin (pereż. il-Litwanja u l-Irlanda).

2.3.3 *Komunikazzjoni*

It-tielet aspekk li jirfed il-kapaċità (u l-indipendenza) tal-IFIs huwa l-kapaċità tagħhom fil-prattika li jilhqqu udjenza wiesgħa, u li konsegwentement jibnu reputazzjoni għall-għarfien espert tekniku u l-imparzjalità fost il-partijiet ikkonċernati ewlenin – inkluż il-pubbliku ġenerali – u li jagħmlu lilhom infushom punt ta' referenza indispensabbli fid-diskussjonijiet dwar il-politika fiskali. L-IFIs li jagħtu importanza lill-komunikazzjoni esterna, li jużaw firxa ta' kanali u ħwienet biex iwasslu l-messaġġi tagħhom u li jaġġustaw b'mod attiv l-istrateġija ta' komunikazzjoni tagħhom abbażi tal-impatt tagħha huma aktar probabbli li jħallu l-marka tagħhom fuq id-diskussjonijiet dwar il-politika fiskali minn istituzzjonijiet aktar passivi. IFIs iżgħar jista' jkollhom diffikultajiet biex jiżviluppaw attivitajiet ta' komunikazzjoni bħal dawn.

Fir-rigward tal-komunikazzjoni f'sens aktar formali, madwar terz tal-IFIs għandhom strateġija ta' **komunikazzjoni speċifika** u żewġ terzi jassenjaw **rwol formali ta' komunikazzjoni esterna** lill-president. Fil-prattika, wieheċ mill-aktar mezzijiet ta' komunikazzjoni esterna huwa li l-kap tal-IFI jiġi **intervistat fuq it-televiżjoni prinċipali, ir-radju jew fil-gazzetti ta' kuljum**. Tliet kwarti tal-IFIs irrapportaw li kienu saru intervisti b'mod regolari matul l-2024, b'xi wħud marbuta mal-ħruġ ta' opinjonijiet/rakkomandazzjonijiet tal-IFI. Sehem simili ta' IFIs irrapportaw ukoll il-ħruġ ta' **artikli tal-istampa** (op-eds. eċċ.) fil-media domestika ġenerali. Mezzijiet ta' komunikazzjoni kien permezz ta' stqarrijiet għall-istampa, b'nofs l-IFIs jirrapportaw li kienu ħarġu mill-inqas seba' stqarrijiet għall-istampa fl-2024¹⁹ u kwart ieħor jirrapportaw li ħarġu mill-inqas erba' stqarrijiet għall-istampa. Il-konferenzi **stampa** kienu inqas komuni, b'terz biss tal-IFIs li kellhom mill-inqas tlieta fl-2024, terz ieħor li kellhom biss wieheċ jew tnejn u terz ieħor li ma kellhom xejn.

Madwar nofs l-IFIs irrapportaw li għandhom mill-inqas **membri wieheċ tal-persunal part-time speċjalizzati fil-komunikazzjoni esterna**. Kif mistenni, l-akbar istituzzjonijiet (l-Awstrija/WIFO, il-Belġju/FPB, Spanja, l-Italja, il-Lussemburgu/STATEC, in-

¹⁹ L-inklużjoni ta' istituzzjonijiet akbar li għandhom ukoll kompiti mhux tal-IFI, li jfisser li mhux l-istqarrijiet għall-istampa kollha ma kinux neċessarjament marbuta ma' kwistjonijiet tal-IFI.

Netherlands/CPB, il-Portugall, is-Slovenja/IMAD u s-Slovakkja) jew dawk inkorporati f'istituzzjonijiet akbar (il-Finlandja, il-Litwanja u n-Netherlands/CoS) kellhom aċċess aħjar għal persunal speċjalizzat tal-komunikazzjoni minn dawk iżgħar li, ħlief għal ftit eċċezzjonijiet, ġeneralment ma kellhom l-ebda speċjalista tal-komunikazzjoni. Aktar minn tliet kwarti tal-IFIs kellhom mill-inqas kont wieħed tal-**media soċjali**. L-IFIs mingħajr preżenza fuq il-midja soċjali kellhom it-tendenza wkoll li jkunu dawk l-inqas probabbli li jorganizzaw konferenzi stampa **jew konferenzi** b'mod ġenerali jew li jipparteċipaw f'konferenzi organizzati minn oħrajn. Dawk l-istess IFIs kellhom ukoll it-tendenza li bl-ebda mod ma jintraċċaw l-**impatt tal-media** tagħhom, għall-kuntrarju ta' żewġ terzi tal-IFIs li rrapportaw li għamlu diversi gradi ta' traċċar.

3. KONKLUŻJONI

Meta l-leġiżlazzjoni tal-UE b'effett fuq l-IFIs ġiet introdotta fl-2011 wara l-kriżi finanzjarja, madwar tnaix-il Stat Membru biss kellhom IFIs u f'diversi każijiet, il-kompiti ta' dawk l-IFIs ma kinux ġew stabbiliti bis-sħiħ. Sal-2018, kienu ġew stabbiliti għadd kbir ta' IFIs addizzjonali u minn issa, l-Istati Membri kollha għandhom – jew dalwaqt se jkollhom – IFI (l-IFI Pollakk se jkun operattiv mill-1 ta' Jannar 2026). Barra minn hekk, mill-2011, ħafna IFIs stabbilew lilhom infushom bħala atturi importanti fid-diskussjonijiet dwar il-politika fiskali nazzjonali, minħabba l-kwalità tal-analiżijiet tagħhom.

Sabiex jiġu rrispettati t-tradizzjonijiet amministrattivi differenti fl-Istati Membri u biex tittejjeg is-sjeda nazzjonali, il-leġiżlazzjoni tal-UE ppermettiet lill-Istati Membri marġni sinifikanti ta' manuvra biex jiddeċiedu kif jimplementaw id-diversi dispożizzjonijiet li, fi kwalunkwe każ, kienu jikkonċernaw l-aktar lill-Istati Membri taż-żona tal-euro biss. Dan irriżulta f'differenzi kbar bejn l-IFIs tal-UE, l-aktar viżibbli fl-ambitu tal-kompiti assenjati lilhom u r-riżorsi allokatilhom lilhom biex isegwuhom. Jeżistu wkoll differenzi kbar bejn l-IFIs tal-UE fir-rigward tas-salvagwardji tal-indipendenza, bħall-protezzjonijiet legali kontra l-interferenza esterna u l-kapaċità Prattika tal-IFIs li jattiraw persunal xieraq u li jiksbu l-informazzjoni kollha li jeħtieġu fil-ħin. Diversità simili tidher ukoll fil-kapaċità tal-IFIs li jilħqu lil diversi partijiet ikkonċernati u lill-pubbliku, b'istituzzjonijiet akbar li ġeneralment ikollhom fis-seħħ makkinarju ta' komunikazzjoni aktar elaborat.

L-istituzzjonijiet diġà stabbiliti qabel id-dħul fis-seħħ tal-leġiżlazzjoni tal-IFI aktar ta' spiss għandhom it-tendenza li joperaw skont Prattika stabbilita u regoli mhux miktuba minn IFIs stabbiliti aktar reċentement. Filwaqt li dan huwa indikattiv ta' grad għoli ta' sjeda nazzjonali, l-għan tal-emendi għad-Direttiva 2011/85/UE huwa fl-aħħar mill-aħħar li dawn il-Prattiki jiġu ankrati formalment fil-leġiżlazzjoni nazzjonali sabiex tiġi pprovduta protezzjoni akbar.

L-esperjenza wriet ukoll li huwa possibbli li jsir progress sinifikanti fi żmien relattivament qasir. Eżempji minn Spanja, l-Irlanda u l-Portugall juru li jekk l-IFIs jingħataw il-kundizzjonijiet ta' qafas it-tajba, huma jistgħu jistabbilixxu ruħhom relattivament malajr bħala atturi b'saħħithom fid-diskussjonijiet dwar il-politika fiskali.

Il-livell ta' riżorsi finanzjarji u umani assenjati lill-IFIs intwera wkoll li jinfluwenza ħafna dak li IFI jista' jwettaq. Dan ma jikkonċernax biss l-għadd ta' kompiti li l-IFIs jistgħu jkopru, iżda wkoll kemm jistgħu jwettqu dawk il-kompiti bir-reqqa u kemm jistgħu jinvestu fil-kompitu kruċjali li jikkomunikaw messaġġi tal-IFI lill-partijiet ikkonċernati ewlenin u lill-pubbliku ġenerali. Bl-emendi għad-Direttiva 2011/85/UE li introduċew kompiti ġodda u salvagwardji ta' indipendenza aktar eżiġenti, l-iżgurar li l-IFIs ikollhom biżżejjed riżorsi li fuqhom ikollhom kontroll sħiħ se jsir dejjem aktar importanti fil-futur.

L-informazzjoni u l-analiżi pprovduti f'dan ir-rapport, li se jiġu aġġornati f'eżerċizzji simili ta' rendikont fil-futur, iservu bħala bażi għall-valutazzjoni ta' jekk l-IFIs "akkumulawx kapaċità suffiċjenti" "biex joħorġu opinjoni dwar it-tbassir makroekonomiku u s-suppożizzjonijiet makroekonomiċi li jirfdu l-perkors tan-nefqa netta"²⁰. Sabiex jiġi ddeterminat jekk IFI jissodisfax ċerti "standards minimi" fir-rigward tal-kapaċità tiegħu, se tkun meħtieġa valutazzjoni komprensiva ta' diversi karatteristiċi tal-IFIs li jinvolvu ġudizzju espert. Tali standards jirrikjedu li tingħata kunsiderazzjoni kemm lill-inputs kif ukoll lill-outputs, fejn tal-ewwel ikopru karatteristiċi bħal dawk koperti mill-kriterji ta' indipendenza stabbiliti fl-emendi għad-Direttiva 2011/85/UE, u tal-aħħar jirrigwardaw aktar l-ambitu u l-kwalità tal-prodotti tal-IFI u kif dawn jiġu kkomunikati. F'dan ir-rigward, l-evalwazzjonijiet esterni mitluba mill-emendi għad-Direttiva 2011/85/UE se jkunu partikolarment importanti biex tinkiseb valutazzjoni aktar granulari u komprensiva tal-kapaċità tal-IFIs.

²⁰ Dan huwa stabbilit bħala kundizzjoni skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2024/1263 li għandha tinkiseb qabel ma tali opinjonijiet isiru obbligatorji.

Anness 1.

Istituzzjonijiet fiskali indipendenti (IFIs) fl-UE

Stat Membru	IFI – isem sħiħ	IFI – akronimu/forma qasira
AT	Il-Kunsill Konsultattiv Fiskali Awstrijak	FISK
	L-Istitut Awstrijak għar-Riċerka Ekonomika	WIFO
BE	L-Uffiċċju Federali tal-Ippjanar	FPB
	Il-Kunsill Għoli tal-Finanzi - Rekwiżiti ta' Self għas-Settur Pubbliku	HCF - PSBR
BG	Il-Kunsill Fiskali tal-Bulgarija	FCB
CY	Il-Kunsill Fiskali ta' Ċipru	FCC
CZ	Il-Kunsill Fiskali Ċek	CFC
DE	Il-Bord Konsultattiv Indipendenti għall-Kunsill ta' Stabbiltà	Il-Bord Konsultattiv
DK	Il-Kunsilli Ekonomiċi Daniżi	DIĊ
EE	Il-Kunsill Fiskali tal-Estonja	FCE
EL	Il-Kunsill Fiskali Elleniku	HFISC
ES	L-Awtorità Indipendenti għar-Responsabbiltà Fiskali	AIReF
FI	L-Uffiċċju Nazzjonali tal-Awditjar tal-Finlandja	NAOF - FPMD
FR	Il-Kunsill Għoli tal-Finanzi Pubbliċi	HCPF
HR	Il-Kummissjoni għall-Politika Fiskali	FPC
HU	Il-Kunsill Fiskali tal-Ungerija	FCH
IE	Il-Kunsill Konsultattiv Fiskali Irlandiż	IFC
IT	L-Uffiċċju tal-Baġit Parlamentari	PBO
LT	L-Uffiċċju Nazzjonali tal-Awditjar tal-Litwanja (Dipartiment tal-Monitoraġġ tal-Baġit)	NAOL - BMD
LU	Il-Kunsill Nazzjonali tal-Finanzi Pubbliċi	CNFP
	L-Istitut Nazzjonali tal-Istatistika u l-Istudji Ekonomiċi tal-Gran Dukat tal-Lussemburgu	STATEC
LV	Il-Kunsill tad-Dixxiplina Fiskali tar-Repubblika tal-Latvja	FDC
MT	Il-Kunsill Konsultattiv Fiskali ta' Malta	MFAC
NL	Il-Kunsill tal-Istat	COS - AD
	L-Uffiċċju tan-Netherlands għall-Analiżi tal-Politika Ekonomika	CPB
PT	Il-Kunsill tal-Finanzi Pubbliċi Portugiż	CFP
RO	Il-Kunsill Fiskali Rumun	RFC
SE	Il-Kunsill tal-Politika Fiskali tal-Iżvezja	SFPC
SI	Il-Kunsill Fiskali	FC
	L-Istitut tal-Analiżi Makroekonomika u l-Iżvilupp tar-Repubblika tas-Slovenja	IMAD
SK	Il-Kunsill għar-Responsabbiltà tal-Baġit	CBR